# ID-DAWL

FRAR 2025 WWW.AHMADIYYA.MT NUMRU 86

**“Jekk huma jerqsu lejn il-paċi, mela ersqu lejn il-paċi intom ukoll; u afdaw f’Alla.”**



Il-Fiduċja | Reliġjon ta’ Paċi | X’inhu Jihad? | L-Orrur f’Gaża

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

Editorjal

Il-Morali

# Il-fiduċja u trustworthiness

*Imam Laiq Ahmed Atif*
*President Ahmadiyya Muslim Jamaat*

Irridu nifhmu li, il-fiduċja, trustworthiness, l-onestà u l-verità huma l-pedament ta' kull relazzjoni tajba. Fil-Koran Imqaddes, Alla jfakkarna ħafna drabi biex inkunu fidili, onesti u sinċiera. Il-Koran Imqaddes dejjem iħeġġiġna biex inkunu fidili u onesti u nsegwu t-triq dritta tal-verità; u persuna ma tistax issir onestà jekk ma tgħidx il-verità (4:70). Il-fiduċja u l-onestà hija t-triq tajba ħafna li wieħed għandu jaqbadha.

Il-fiduċja, l-onestà u l-verità huma tabilħaqq armi kbar ta' profeti ta' Alla, l-aspetti kollha tal-ħajja tagħhom għandhom luminożità ta' verità, fiduċja u onestà. Tabilħaqq, il-fiduċja u l-onestà hija l-ogħla kwalità ta' karattru tal-bniedem.

## Il-Koran Imqaddes

"Jekk tafdaw lil xulxin, dak li jkun fdat għandu jrodd lura dak li kien fdat lilu, u għandu jibża' minn Alla Sidu. La taħbux ix-xhieda (vera). Min jaħbiha, qalbu tkun tabilħaqq midinba. Alla jaf sew b'kulma tagħmlu." (2:284)

"Tabilħaqq, Alla jikkmandakom biex troddu lura lil sħabhom dak li fdawkom bih, u jekk tagħmlu ħaqq min-nies, agħmlu ħaqq bil-ġustizzja." (4:59)

**ID-DAWL**

FRAR 2025 – Numru 86– Pubblikazzjoni ta'
**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Mob:** 79 655 255 | **Tel:** 21 655 255
**Email:** amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyyamalta.org**

**INDEX**

Trustworthiness 02
Islam: A religion of peace 04
What is Jihad? 06
Horror committed in Gaza 08

**www.ahmadiyya.mt/id-dawl** **Il-Qoxra:** **Muhur | iStock**
**Indirizz:** Ahmadiyya Library & Office - 30 Triq Turu Rizzo, Gżira

"Intom li temmen, la tittradixxux lil Alla u lill-Messaġġier, u la tittradixxux il-fiduċja, l-obbligazzjonijiet u l-ħwejjeġ fdati lilkom meta intom tafu." (8:28)

"Dawk li huma għassa tal-fiduċja u l-patti tagħhom (u jħarsu l-onestà tagħhom); u dawk li huma sodi fix-xhidiet tagħhom, u dawk li jħarsu t-talb tagħhom, dawk ikunu fil-Ġonna tassew onorati." (70:33-36)

## Diskorsi tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa]

Il-Qaddis Profeta Muħammad, is-sliem għalih, dejjem ta importanza kbira lill-verità u l-onestà, u kien magħruf bħala *al-Sadiq* (is-sinċier u l-veritier) u *al-Amin* (il-leali, l-affidabbli u l-onest). Darba ġabar il-familja u n-nies tiegħu taħt muntanja żgħira u qalilhom, "Jekk ngħidilkom li armata kbira qiegħda tistenniekom wara din l-għolja, temmnuni?" Anki jekk kien evidenti li armata kbira ma setgħetx tistaħba wara dik l-għolja żgħira, li kien impossibbli li kien hemm armata u li ma kinux rawha jew lemħuha, xorta qalu għalenija, "Iva, għax inti dejjem għedt il-verità." Aħna nafu li, inti dejjem mexxejt bl-onestà sħiħa.



# L-Iżlam: Reliġjon ta' Paċi

**Nauman Atif** (*Żagħżugħ Ahmadi Musulman*)

Illum nixtieq niddiskuti suġġett li ħafna drabi ma jinftihemx sewwa, l-Iżlam bħala reliġjon ta' paċi. F'dinja mimlija kunflitt u tensjoni, it-tagħlim tal-Iżlam xi kultant ma jinftihemx. Jiena nħossni onorat li se nikteb fuq din it-tema li dejjem sostniet li l-Iżlam huwa reliġjon ta' paċi, imħabba, u mogħdrija.

Mill-bidu nett, nixtieq infakkarkom li l-kelma 'Iżlam' ġejja mill-kelma Għarbija '*Salaam*' li tfisser sliem. L-Iżlam jgħallem il-paċi ma' Alla, il-paċi ma' ħutna l-bnedmin, u l-paċi miegħek innifsek. Wieħed mill-aktar prinċipji fundamentali tal-Iżlam huwa t-twemmin li Alla huwa ġentili, ħanin u ġeneruż. Kull kapitlu tal-Koran Imqaddes jibda billi jenfasizza dawn il-karatteristiċi ta' Alla: **"F'isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin."**

Dan isaħħaħ il-bażi tat-twemmin sħiħ Iżlamiku, għaliex jenfasizza li n-natura ta' Alla hija msejsa fuq il-mogħdrija u l-ħniena. L-Iżlam, hekk kif mgħallem fil-Koran Imqaddes, jiggwidana lejn il-paċi, ir-rispett reċiproku, u l-fehim. Il-Koran jgħallimna:

> **"Jekk huma jerqsu lejn il-paċi, mela ersqu lejn il-paċi intom ukoll; u afdaw f'Alla."** (8:62)

Hawnhekk naraw li l-Iżlam ma jiddefendix il-vjolenza jew l-aggressjoni. Anzi jħeġġiġna lilna l-Musulmani biex insegwu t-triq tal-paċi kull meta hu possibbli. Fil-fatt, il-Qaddis Profeta Muħammad (is-sliem għalih) hu deskritt bħala l-ħniena għall-umanità kollha: **"Aħna ma bgħatnikx ħlief bħala ħniena għan-nies kollha."** (Il-Koran, 21:108)

### L-eżempju tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa]

Il-ħajja tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa] kienet xempju perfett ta' mogħdrija, maħfra u sliem. Qatt ma rritalja kontra l-għedewwa tiegħu, anki meta kellu s-setgħa li jagħmel dan. Il-kompassjoni u l-maħfra ma

kinux jintwerew mas-segwaċi tiegħu biss, iżda anki mal-agħar rivali tiegħu. Fil-konkwista ta' Mekka, meta l-għedewwa tiegħu beżgħu li se jiġu kkastigati, il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] ħabbar amnestija ġenerali u ddikjara: **"Mhux se jkun hemm twiddiba fil-konfront tagħkom illum."**

Il-ħajja tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa] hija eżempju radjanti ta' kif l-Iżlam jinkorpora l-paċi. Matul ħajtu, il-Qaddis Profeta[sa] dejjem ħabrek biex isib soluzzjonijiet paċifiċi, saħansitra meta ffaċċjat b'ostilità tremenda.

Għat-twaqqif tal-paċi soċjali, il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] jista' jitqies bħala dawl li jixgħel it-triq għall-armonija dejjiema. Huwa għallimna dwar il-kundizzjonijiet tal-paċi għall-popli kollha u għaċ-ċirkostanzi kollha. Ħafna rivali tal-Iżlam u l-Punent isostnu li l-Iżlam, Alla jħarisna, ma jagħtix id-drittijiet lin-nisa u huwa piż għalihom. Din id-dikjarazzjoni ma tistax tkun aktar imbiegħda mill-verità.

Qabel il-miġja tal-Qaddis Profeta Muħammad[sa], in-nisa fl-Arabja kienu mċaħħda mid-drittijiet tagħhom u mqassma bħala wirt. Bl-għarfien tal-qagħda soċjali tan-nisa u l-pożizzjoni ġustifikata tagħhom fis-soċjetà bħala nisa miżżewġa u ommijiet; bl-assigurazzjoni tad-drittijiet tagħhom fil-wirt, fid-divorzju, fil-ħarsien tal-ulied, fl-immaniġġar tal-affarijiet tal-familja u fil-qima, il-Qaddis Profeta Muħammad[sa] stabbilixxa l-paċi fil-familja fuq pedament sod.

Waqt li ħafna drabi jkun allegat li l-Musulmani ma jirrispettawx ir-reliġjonijiet l-oħra jew il-figuri reliġjużi tagħhom, nista' ngħid li dan mhu veru xejn. Fil-fatt, imdawlin mit-tagħlim tal-Koran Imqaddes, il-Musulmani jemmnu li l-profeti ta' Alla ntbagħtu fil-pajjiżi kollha biex jiggwidaw u jirriformaw il-ġnus ta' dawk ir-reġjuni.

Aħna tassew nemmnu fil-verità tal-profeti kollha u nagħrfu li dawn intbagħtu biex iqarrbu lill-umanità lejn Alla Omnipotenti, biex jgħallmu l-moralità u biex iwaqqfu l-valuri umani universali, bħal-libertà tal-kuxjenza, il-ġustizzja u s-simpatija umana. Meta tqis dan kollu, kif jista' jkun li aħna ma nirrispettawx jew ma nonorawx ir-reliġjonijiet l-oħra jew is-segwaċi tagħhom?

Q&A

# X’inhu Jihad (Ġiħad)?




Il-kunċett tal-Ġiħad fl-Iżlam mhu mifhum xejn. Dan ma jirreferix għal kunflitt vjolenti iżda pjuttost bħala mezz biex wieħed iħabrek u jistinka għall-kawża ta’ Alla. L-akbar Ġiħad huwa t-taqbida ġewwiena tagħna kontra d-dnub, hekk kif stqarr darba l-Qaddis Profeta Muħammad[sa], **“L-aqwa Ġiħad huwa meta wieħed jitħabat kontra tiegħu nnifsu għal Alla, il-Qawwi u l-Maestuż.”**

Il-Ġiħad bl-armi hu aċċettat biss fl-Iżlam bħala att ta’ difiża, u anki hawn, insibu ħafna kundizzjonijiet stretti. U minkejja l-permess mogħti biex wieħed jissielet f’battalja difensiva kontra l-persekuturi ħarxa, it-tagħlim konsistenti ta’ Alla Omnipotenti jibqa’ jsostni li wieħed ma jistax jaqbeż il-limiti:

> **“Ibqgħu ssieltu sakemm tieqaf il-persekuzzjoni, u Alla jkun jista’ jiġi meqjum bil-libertà kollha. Iżda jekk huma jieqfu, mela ftakru li l-ebda ostilità mhi permessa, ħlief kontra l-aggressuri.”** (Il-Koran, 2:194)

Għalhekk, hawnhekk, dan il-prinċipju tal-gwerra huwa dwar battalji difensivi, u biex jitwaqqaf il-ħażen, u għalhekk jingħad li meta huma jieqfu mill-ġlied, intom ma tistgħux tkomplu għax xogħolkom huwa li tistabbilixxu l-paċi. Għaldaqstant, anki fl-għoti tal-permess tal-ġlied, ingħatajna prinċipju importanti dwar id-difiża u t-twaqqif tal-paċi.

**Meta l-Qaddis Profeta Muħammad[sa] kien ikun involut f'xi battalja, kien dejjem jordna biex:**

- L-ebda mara ma tinqatel;
- Ma jinqatlux it-tfal;
- Ix-xjuħ ma jiġux imfixkla u mxekkla;
- L-ebda persuna ma tingħata n-nar;
- L-ebda annimal ma jinqatel;
- Ma jitqaċċtux is-siġar;
- Għall-kuntrarju tal-għadu, l-ebda persuna m'għandha tiġi mċaħħda mill-imnieħer jew il-widnejn;
- Ma jingħad xejn lir-refuġjati, lill-patrijiet jew 'l-eremiti—il-persuni reliġjużi.

**Wara li jkun rebaħ, huwa kien jipproklama li:**

- L-ebda mweġġgħin ma jinqatlu;
- Ma jkunx hemm insegwiment bla bżonn għal min jaħrab.

Imbagħad, dwar il-priġunieri tal-gwerra, huwa dejjem talab biex jiġu ttrattati sewwa. Dawk li jsostnu li l-Iżlam huwa reliġjon aggressiva u estremista għandhom jaħsbu jekk reliġjon bħal din tistax twassal dat-tip ta' tagħlim.

### It-tixrid ta' demm innoċenti

Illum, f'din l-era fejn il-bniedem iqis lilu nnifsu avvanzat u edukat immens, wieħed irid jistaqsi jekk dawn il-valuri importanti jimmanifestawx ruħhom meta jitwaddbu l-bombi mis-smewwiet, meta l-missili jintefgħu fuq l-ibliet u l-abitazzjonijiet. Kemm se jinxtered demm ta' nies innoċenti f'dawn il-bumbardamenti bla sens? F'żoni fejn teżisti l-anarkija, kuljum ikun hemm funerali ta' xjuħ, nisa u tfal. Dawn l-aħbarijiet mhumiex mistura minn għajnejna.

# L-orrur li sar f'Gażа

Id-dinja ma ratx x'ġara f'Gaża, il-Palestina, mis-7 ta' Ottubru, 2023? Aktar minn 47,000 Palestinjan innoċenti nqatlu f'Gaża, li jinkludu tfal u nisa. Dawk li jqisu lill-Iżlam bħala reliġjon vjolenti ma jarawx dawn il-ħruxijiet, brutalitajiet u vjolenza bla preċedent.

Il-midja tal-Punent ħolqot din l-immaġni u l-ideoloġija żbaljata tal-Iżlam bħala reliġjon estremista u terrorista. Mentri l-Koran Imqaddes jiddikjara li:

**"Kull min joqtol persuna, ikun qisu qatel l-umanità kollha, u kull min isalva persuna jkun qisu salva l-umanità kollha."** (5:33)

Il-Fundatur tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, Ħażrat Mirża Ghulam Aħmad, il-Messija Mwiegħed u l-Maħdi[as], huwa difensur leali tat-tagħlim paċifiku tal-Iżlam.

Il-motto tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana, **'Imħabba għal Kulħadd, Mibegħda għal Ħadd'** iħaddan il-qofol tal-prinċipji Iżlamiċi.

Il-Komunità Ahmadiyya Musulmana tkompli tippromovi l-paċi, it-tolleranza u l-fehim bis-saħħa tal-edukazzjoni, is-servizz, u d-djalogu.

Wara li naċċettaw lill-Messija Mwiegħed[as], jalla Alla l-Omnipotenti jgħinna nsiru eżempji xierqa għall-bqija tad-dinja permezz tal-azzjonijiet tagħna, li jkunu bbażati sew fuq it-tagħlim ġenwin tal-Iżlam.

Jalla Alla jaċċetta t-talb kollu tagħna u l-isforzi tagħna biex naħdmu għat-twaqqif tal-paċi u kif qal Alla lill-Messija Mwiegħed[as] li: "Se naħdem biex il-messaġġ tagħkom jilħaq l-irkejjen kollha tad-dinja."

Jalla kollha kemm aħna nħabirku għal din il-kawża nobbli u b'hekk insiru riċevituri ġenwini tal-ħniena u l-grazzja ta' Alla. Ammen.

**IMĦABBA GĦAL KULĦADD - MIBEGĦDA GĦAL ĦADD**

**"ID-DAWL"** (The Light) is a Maltese magazine published by the Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta.

amjmalta@gmail.com
**www.ahmadiyya.mt**